MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI) MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**DEPASQUALE ANTON**
**ONOR. IMHALLEF**
**MAGRI ALBERT J.**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 37/1994/1

**Monique Gatt ghan-nom ta' Crafts Unlimited**

**vs.**

**John O'Dea**

**Il-Qorti,**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fl-allura Qorti tal-Kummerc illi permezz taghha l-attrici, fil-kwalità taghha premessa, wara illi ppremettiet illi l-konvenut huwa d-debitur ta' l-attrici fis-somma ta' tlett mitt liri maltin (Lm300) bilanc ta' somma akbar prezz ta' xoghol ta'

*designing*, esekuzzjoni u supervizjoni ta’ diversi xogholijiet li gew esegwiti fir-restaurant “Tiberio’s Restaurant”, Triq il-Qaliet, Marsascala, fuq inkarigu ta’ l-istess konvenut; u illi l-konvenut ghalkemm interpellat diversi drabi anke permezz ta’ ittra ufficjali tat-13 ta’ Mejju 1992 huwa xorta wahda baqgha inadempjenti; in vista tal-premess, talbet ghaliex m’ghandhiex dik il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici is-somma ta’ tlett mitt liri maltin (Lm300) bilanc ta’ somma akbar prezz ta’ xoghol ta’ *designing* u esekuzzjoni, kif ukoll ta’ supervizjoni ta’ diversi xogholijiet li gew esegwiti fir-Restaurant Tiberio’s, Triq il-Qaliet, Marsascala; bl-ispejjes u interessi legali kontra l-konvenut inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-13 ta’ mejju 1992 li jibqa’ mharrek ghas-subizjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attrici nomine u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut, ipprezentata fis-sitta u ghoxrin (26) t’ April, 1994, illi permezz taghha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi ma hemm l-ebda rapport giuridiku bejn il-konvenut u s-socjetà attrici billi l-konvenut kien ikkontratta biss ma’ l-attrici personalment u ma’ Sharon MacNamara;
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante illi l-ammont pretiz jirrigwarda xogholijiet li ma gewx miftehma bejn il-konvenut u Monique Gatt u Sharon MacNamara u jikludu ukoll xogholijiet li kellhom jigu ripetuti minhabba nuqqasijiet ta’ l-istess Monique Gatt u Sharon MacNamara;
3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut, ipprezentata fit-tlettax (13) ta’ Jannar, 1995;

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tas-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Jannar, 1995 illi minnu, fost affarijiet ohra, jirrizulta s-segwenti:
“… Dr. Stephen Thake ghall-konvenut … ddikjara li qed jirtira l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut kif ukoll l-eccezzjonijiet ulterjuri kollha prezentati fit-13 ta’ Jannar, 1995.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-ghaxra (10) ta’ Novembru, 1999 illi permezz taghha l-Qorti, filwaqt illi cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, laqghet it-talba attrici u kkundannat lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta’ tlett mitt liri Maltin (Lm300) bilanc ta’ somma akbar prezz ta’ xoghol ta’ *designing* u esekuzzjoni, kif ukoll supervizjoni ta’ diversi xogholijiet li gew esegwiti fit-Restaurant Tiberio’s, Triq il-Qaliet, Marsascala, bl-imghax legali mid-data ta’ l-ittra ufficjali datata 13 ta’ Mejju, 1992 sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha inkluza tal-istess ittra ufficjali kontra l-istess konvenut, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
“Illi l-kawza attrici titratta dwar bilanc ta’ somma akbar rappresentanti prezz ta’ xoghol ta’ *designing*, esekuzzjoni u supervizjoni tal-istess xoghol, allegatament esegwit mill-attrici fuq inkarigu tal-konvenut, u dana a bazi ta’ ftehim bejn il-partijiet datat 13 ta’ Gunju 1991 (Dok. A), li in effetti jikkonferma l-esistenza ta’ tali ftehim in kwistjoni. Fil-fatt a bazi tal-istess il-prezz tal-istess xoghol kien ta’ Lm500 [*recte* Lm550], li minnhom irrizulta li thallsu biss Lm200 [*recte* Lm250], u ghalhekk baqa bilanc ta’ Lm300, il-mertu tal-kawza odjerna.

“Illi jigi rilevat illi l-Qorti ma hijiex ser tiehu konjizjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, u tan-Nota ta’ Eccezzjonijiet ulterjuri tieghu, peress li dawn gew minnu irtirati kif fuq inghad b’verbal fis-seduta tal-25 [*recte* 27] ta’ Jannar 1995.

“Illi ineffetti mill-provi, inkluzi l-ftehim esibit, jirrizulta illi l-attrici kellha taghmel xoghol ta’ *designing* ghar-restaurant “Tiberio’s Restaurant”, Triq il-Qaliet, Marsascala, u partikolarment fil-*bars*, *toilets*, *dining area*, u *terrace* tal-istess, u il-provizzjoni tad-dawl.

"Illi mix-xhieda tal-istess konvenut jirrizulta li dan sar, u fil-fatt gie approvat mill-istess konvenut, u sussegwentement bdiet ukoll l-esekuzzjoni tal-istess xogholijiet, li kienu qed jigu *supervised* mis-socju tal-istess attrici, Sharon McNamara.

"Illi il-kontestazzjoni bejn il-partijiet, anke skond it-tieni eccezzjoni tal-konvenut kienet, illi fid-*design*, li di più kien gie approvat minnhu, kien ser ikun hemm wisq dawl bhala *electrical fittings* u hafna *points*, u skond l-istess konvenut tali fittings, li huwa sejhilhom zejda, kellhom jigu mhallsa mill-attrici, ghalkemm huwa hallas tal-istess *points* lill-electrician li pprovda l-istess. Illi ghalhekk l-istess konvenut finalment ilmenta, li ghall-alterazzjonijiet li saru minnu, l-attrici ma assumietx ir-responsabbiltà tal-istess u tal-affarijiet li ghamlu.

"Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, is-soluzzjoni ta din il-pendenza tirrivolvi ruhha fuq in-natura ta' ftehim esistenti bejn il-partijiet, u specifikatament fuq l-inkarigu li assumiet l-attrici fil-konfront tal-konvenut.

"Illi dan jidher spjegat car hafna fl-iskrittura privata bejn il-partijiet datata 13 ta' Gunju 1991, fejn jirrizulta li l-attrici assumiet ir-responsabbiltà "*for the design and supervision of works for the interior of your new restaurant*" skond l-istess Dok. "A" esibit a fol. 34.

"Illi ma hemmx dubju li dan sar stante li l-istess konvenut a fol. 60 tal-process, ammetta huwa stess illi "*id-design concepts u l-plans saru u supervision kien hemm*". Illi di più ir-responsabbiltà tal-istess attrici kienu limitati skond il-paragrafu B tal-istess ftehim, meta l-alterazzjonijiet isiru ghab-bazi tal-pjani minnhom proposti u fil-konfront ta' persuni direttament ingaggati minnhom.

"Illi l-ilment tal-konvenut baqa ghalhekk limitat ghall-fatt minnu allegat illi (a) illi ghall-*points* zejda li huwa hallas lill-electrician kien hemm ftehim li dawn jithallsu mill-istess attrici, u (b) illi l-attrici ma accettatx ir-responsabbiltà tal-alterazzjonijiet u l-affarijiet li ghamlu huma.

“Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, l-ilmenti tal-istess konvenut, ma humix fondati u dan peress li:-

(a) Fl-ewwel kaz, il-*points* gew mixtrija mill-istess electrician li kien inkarigat mill-konvenut innifsu, u ghalhekk certament li skond il-ftehim kellu ihallas ghalihom huwa stess, aktar u aktar meta tali *points* kienu parti mid-disinn originali li gie approvat minnu, tant li huwa stess qatt ma cahad dan. Illi di più, lanqas hemm ebda dubju, li ghalkemm l-istess electrician setgha kien introdott mill-istess attrici, l-inkarigu u l-ingagg tieghu sar mill-konvenut, tant li fil-fatt kien l-istess konvenut li hallas lill-istess electrician.

(b) Illi dwar l-alterazzjonijiet li saru mill-istess konvenut ghad-disinn fornit lilu mill-attrici, u approvat originarjament minnu stess, jirrizulta li l-attrici ai termini tal-paragrafu B tal-istess skrittura ma kienitx responsabbli. L-attrici kienet biss responsabbli ghad-disinji fornita minnha, u ghalhekk ghall-alterazzjonijiet maghmula unilateralment mill-konvenut, baqghu ghalhekk responsabbiltà tieghu. Isegwi ukoll li dwar l-istess esekuzzjoni tax-xogholijiet, r-relazzjoni tal-konvenut kienet mal-persuni li huwa effettivament inkariga sabiex jesegwixxu l-istess xogholijiet, f’dan il-kaz l-electrician, li fil-fatt huwa stess inkariga u ordnalu jaghmel tali xogholijiet, skond l-ordnijiet u alterazzjonijiet minnu maghmula, wara li talab *quotation* mill-istess persuna. *Di più* mill-istess ftehim jirrizulta li kien il-konvenut li effettivament kellu jiehu hsieb iqabbad il-haddiema, u fil-fatt hekk ghamel, kif ammess minnu stess.

“Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess, jirrizulta li t-talbiet attrici gew ukoll ppruvati, mentri l-allegazzjonijiet tal-konvenut huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk fil-waqt li l-istess eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom jigu michuda, t-talba attrici ghandha tigi milqugha.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenut tat-30 ta’ Novembru, 1999 illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi s-sentenza hawn fuq imsemmija tigi annullata, kancellata u revokata u illi minnflok jintlaqghu l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellat u jigu michuda t-talbiet attrici kif minnha

dedotti, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-attrici nomine illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet illi l-appell jigi respint filwaqt illi tigi konfermata s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:
Illi l-aggravji tal-konvenut, fil-qosor, huma s-segwenti:
1. Illi huwa rnexxielu jipprova diversi nuqqasijiet fl-operat ta' l-attrici;
2. Illi b'rizultat ta' dawn in-nuqqasijiet huwa inkorra spejjes zejda;
3. Illi s-sentenza appellata ma tat ebda importanza lill-fatti imsemmija fl-ewwel zewg (2) aggravji peress illi l-ewwel Qorti, fil-kliem testwali tar-rikors ta' l-appell,
"…sabet illi l-pjan ossija d-disinn tal-attrici appellata kien gie approvat mill-konvenut appellant u li ghalhekk, minn hemm il-quddiem, kull ma gara kien ir-responsabbiltà ta' l-appellant.";

4. Illi l-attrici mhix intitolata ghall-hlas ta' dak illi qed titlob peress illi, ghal darba' ohra fil-kliem testwali tar-rikors ta' l-appell,
"Id-disinn ta' l-attrici kien inprattiku, seta' kien perikoluz, ma kien (*sic*) fattibbli u ma kienx jikkorispondi ghal certi kwalitajiet imperattivi fid-disinn tieghu."; u

5. Illi l-imghax illi l-ewwel Qorti ikkundannat lill-konvenut appellant sabiex ihallas m'ghandux jibda jiddekorri mid-data ta' l-ittra ufficjali illi saret riferenza ghaliha fl-att ta' citazzjoni illi biha nbdew il-proceduri odjerni izda mid-data tas-sentenza appellata, u dana peress illi mill-atti tal-kawza l-ezistenza ta' l-imsemmija ittra ufficjali u n-notifika taghha ma jirrizultawx;

Ikkunsidrat:

Illi f'dan l-istadju ma jistax ma jigix osservat illi mill-atti processwali ma jirrizultax illi gie esibit id-disinn tax-xogholijiet in kwistjoni imhejji mill-attrici appellata u approvat mill-konvenut appellant. Però, jirrizulta mhux kontestat bejn il-kontendenti illi skond dan id-disinn kellhom isiru erbghin (40) bozza fir-restaurant u illi taht dawn il-bozoz kellha titqieghed ix-xoqqa;

Illi, dan premess, il-Qorti ma taqbilx ma' l-asserzjoni tal-konvenut illi huwa rnexxielu jipprova illi kien hemm xi nuqqasijiet fl-operat ta' l-attrici. Jekk wiehed janalizza dawk illi l-konvenut appellant jikkonsidra bhala nuqqasijiet ta' l-attrici appellata - liema nuqqasijiet gew elenkati f'dik il-parti tar-rikors ta' l-appell indikata bin-numru u ittri 6(i)(a, b, c, d) - isib illi, skond il-konvenut, l-attrici naqset ghaliex fid-disinn taghha inkludiet tant bozoz illi s-shana illi jiggeneraw kienet tirrendi r-*restaurant* forn u illi x-xoqqa illi skond id-disinn kellha titqieghed taht il-bozoz kellha titwahhal b'mod illi tkun tista' tinqala' u tinhasel kull tant zmien, però, fir-realtà, l-attrici appellata ippruvat twahhal din ix-xoqqa bl-*staples* u, ghalhekk, b'mod illi ma tkunx tista' tinqala' facilment;

Il-Qorti ma taqbilx illi mill-provi prodotti jirrizultaw dawn in-nuqqasijiet fl-operat ta' l-attrici appellata lamentati mill-konvenut appellant.

Dwar il-kwistjoni tal-bozoz huwa sufficjenti illi jinghad illi l-Qorti ma tistax tifhem kif il-konvenut appellant, illi certament kien jaf id-dimensjonijiet tar-*restaurant* tieghu meta approva id-disinn ta' l-attrici appellata, kien kuntent illi f'dan il-lokal jitwahhlu 40 bozza izda meta id-disinn beda jigi attwat wasal ghall-konkluzjoni illi l-istess bozoz ma kienux adattati ghac-cirkostanzi ambjentali tar-*restaurant*. Indipendentement minn dan u fin-nuqqas tal-prova dwar id-dettalji tad-disinn in kwistjoni, il-Qorti anqas ma tista' tifhem - jekk *with hindsight* il-konvenut appellant wasal ghall-konkluzjoni illi 40 bozza ta' 60 *watts* il-wahda kienu sejrin jiggeneraw shana eccessiva - x'zamm lill-istess konvenut milli jwahhal bozoz ta' voltagg aktar baxx. Huwa sinjifikattiv f'dan ir-rigward illi, jekk huwa veru illi kien ser jinholoq problema ta' shana eccessiva b'rizultat tan-numru ta' bozoz progettati, kien hemm rimedju ghal

dan izda l-konvenut appellant ma riedx japprofitta ruhu minnu. Infatti l-konvenut xehed hekk quddiem l-ewwel Qorti fl-udjenza tat-tmienja (8) ta' Mejju, 1996 (fol. 47):
"Speci biex tixtri d-*dimmers* ghalihom [ghall-40 bozza ta' 60 *watts*], trid tonfoq ruxxmata flus.";

Dwar il-kwistjoni tax-xoqqa, mill-provi prodotti ma jirrizultax illi parti mill-ftehim in kwistjoni kienet illi dan ix-xoqqa tkun tista' tinqala' facilment sabiex tinhasel. Jidher, pjuttost, illi anke f'dan ir-rigward kien biss *with hindsight* illi l-konvenut appellant ippretenda illi jsir dan. Infatti, fil-bidu ta' l-imsemmija depozizzjoni tieghu tat-8 ta' Mejju, 1996 il-konvenut xehed hekk dwar liema xoghol kellu jsir skond il-ftehim milhuq bejn il-kontendenti (fol. 49):
"L-ideja kienet illi jaghmlu l-kcina u l-*bar* u t-*toilets*, li qeghdin fil-fond tar-*restaurant*, jaghmluhom f'forma ta' mewga u li s-saqaf jghattuh bix-xoqqa, bid-dawl that ix-xoqqa … Jiena approvajt il-proposta."

F'dan l-istadju il-konvenut appellant ma jsemmix illi l-ftehim kien illi x-xoqqa tkun tista' tinqala' liberament. Huwa jaghmel riferenza ghal dan il-ftehim aktar tard fid-depozizzjoni tieghu, precizament sabiex jghid ghaliex huwa ma accettax illi x-xoqqa titwahhal bi *staples*. Il-Qorti mhix perswaza illi kien hemm dan il-ftehim.

Illi huwa veru illi l-konvenut appellant isostni illi x-xoqqa kif progettata mill-attrici appellata ma setghatx titwahhal però, fil-fehma tal-Qorti dan seta' jigi stabbilit biss permezz ta' opinjoni ta' espert fil-materja, u ma jirrizultax illi l-konvenut appellant talab in-nomina ta' tali espert waqt l-istadju tal-gbir tal-provi quddiem l-ewwel Qorti;

Illi, la darba l-konvenut appellant ma rnexxilux jipprova illi l-attrici kienet responsabbli ghan-nuqqasijiet minnu lamentati fl-ewwel aggravju tieghu, l-istess aggravju ma jistax jigu milqugh;

Ikkunsidrat:
Illi anqas it-tienu (2), it-tielet (3) u r-raba' aggravji tal-konvenut appellant ma jistghu jintlaqghu ghaliex l-

akkoljiment taghhom jista’, *se mai*, isir biss jekk jigi milqugh l-ewwel aggravju, haga illi, kif ghadu kemm inghad, ma tistax issir;

Ikkunsidrat ulterjorment:
Illi jibqa’ illi jigi kunsidrat il-hames (5) aggravju tal-konvenut appellant, dak illi huwa ma kellux jigi kundannat sabiex ihallas l-imghax fuq is-sorte b’effett mid-data ta’ l-ittra ufficjali imsemmija fl-att ta’ citazzjoni, jigifieri mit-13 ta’ Mejju, 1992, izda mid-data tas-sentenza appellata, u dana peress illi, fil-kliem testwali tar-rikors ta’ l-appell,
“… l-esistenza ta’ din l-ittra u n-notifika taghha ma jirrizultawx mill-atti tal-kawza.”;

Illi l-konvenut appellant m’ghandux ragun jghid illi l-esistenza ta’ l-ittra ufficjali imsemmija ma jirrizultax mill-atti processwali ghaliex fid-dikjarazzjoni akkompanjanti l-att ta’ citazzjoni l-attrici appellata ikkonfermat bil-gurament illi hija interpellat lill-konvenut appellant permezz ta’ l-istess ittra ufficjali sabiex ihallas. Però, il-konvenut appellant ghandu ragun jghid illi n-notifika lilu ta’ din l-ittra ufficjali ma tirrizultax mill-atti processwali. Minkejja dan, l-aggravju in ezami tal-konvenut appellant ma jistax jigi sostnut ghaliex ma hemmx dubbju illi l-kreditu reklamat mill-attrici appellata huwa wiehed ta’ natura kummercjali u, konsegwentement, l-imghax fuqu beda jiddekorri mid-data meta kien dovut, data illi, ukoll minghajr dubbju, hija antecedenti ghall-prezentata ta’ l-imsemmija ittra ufficjali;

Ghal dawn il-motivi:
Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;
Tordna illi l-ispejjes ta’ din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenut appellant.

Deputat Registratur
df